# L-Editorjal

Anton Agius Muscat

**Iż-Żmien**

Cervantes ġie biex jagħlaq għajnejh għal dil-ħajja. Madwaru ntasab min kileb għal tweġiba jaf jagħtiha ħadd aktar ħlief Cervantes. Bit-tiela' u bin-nieżel sa fl-aħħar għamel l-almu. Ma qies xejn li Cervantes kien bejn ħajja u mewt.

Resaq u bla tlaqliq ried jaf: min huwa Don Quixote? U Cervantes sew biex jeħles minn qurdiena, sew biex jaqtagħha fil-qasir, temtem: Jiena hu !

Qisna ftit nintebħu li ż-żmien jaqbdilna idejna u pass pass imidd riġlejh magħna. Kliem ix-xiħ iwissi: iż-żmien qatt la sellem ħiemed għadda, ħiemed jgħaddi, bla ma jitkellem.

Tabilħaqq dan kollu minnu. Minnu wkoll, ix-xiħ ifakkar, li ż-żmien għażiż u ma jinxtarax. Għal Cervantes iż-żmien sewa u ħallielna tifkira tiegħu b'li ħażżeż bl-iswed fl-abjad għax il-miktub ma jħassru ħadd.

Dawk li jixxiegħlu bil-kitba huma u jpassu maż-żmien xi daqqiet bħal jinsew lilhom infushom. Jagħtuha bħal dak is-sakranazz li għax tkellem u ġab ruħu ħażin u rnexxielu jagħmel ħerba madwaru, mela jistħoqqlu min jgħożżu u jfakkru bil-qalb kollha!

Ilkoll nafu li l-kitba letterarja hija arti u xjenza. Tal-għaġeb kemm u kif jinqala' kliem fuq hekk! Min jisħaq li fehmietu jgħoddu, min jippilla li xibru jwassal l-aktar u ż-żmien jagħmel l-akbar tort li qatt seħħ fid-dinja jekk ma jaħsbulux għal tifkira xierqa: u min bħallikieku jinsa kollox u lil kulħadd

waqt li jserraħ qalbu jekk kitbietu taqdi ta' arma f'idejn wieħed jaf iridha ta' 'bażża' l-art'.

Ma tantx nistgħu naħarbuha. Il-kitba magħduda dik letterarja, hija utilitarja. Biha, tistaħba kemm tistaħba, trid tilħaq ħsieb. Hadd ma jagħmel xejn għal xejn. Dan minn awl id-dinja. Kull xiber, xibru. Is-saqwi jwarrad bl-għejjel u r-raba' li ma jrabbix ma jiswiex xogħlu. Hekk ukoll il-kitba u l-ħajja ta' madwarna.

Hemm min jagħraf jifhem il-ħajja u xturha. Bis-sengħa u bil-għaqal jirnexxilu jibni dak li jtuq il-bnedmin. Iżda hemm min għażlu xiber ieħor bħal min jiftillu jidħol fil-ħanut tal-inbid ħalli jwennnes u jitwennes ma' "L-Impeċpeċ". Waqt li l-imsejken, mgħobbi mingħajr jintebaħ u anqas jifhem f'liema belliegħa jistagħdar b'nuqqas ta' tagħlim, jintilef ibeżlaq ħrejjef u jagħmel wirja ta' kemm xibru huwa qasir huwa u jniżżel inbid ta' kafkaf jekk mhux ukoll isensel kliemu bil-'qulla' hawn u 'madunne u ostja'hinn, u waqt li l-kittieb jagħżel iħażżeż ix-xena, jaf jippretendi li ma hemmx fejn tasal aktar, u li l-imsieken jistħoqqilhom il-barka u l-kuruna ta' studji kritiċi universitarji, meta fis-sew il-miskin, l-imwarrab jew il-povru ma jistħoqqlux aktar minn li jifhem min huwa u mġibtu x'tixhed.

Il-protagonisti jew dawk li jfittxu l-ewwel filliera fuq il-palk tal-ġrajjiet pubbliċi … min iqis lilu nnifsu bħala li huwa l-kuċċier jew l-ewlieni fil-ħajja tal-pajjiż, kif ukoll min irid jaħkem lil għajru b'għodda jew b'oħra, jaf u jifhem li jrid jaqbad triq li biha ma jħarbatx il-liġi ukoll jekk jiekol għal żaqqu u jimxi għal għajn in-nies. Dawn l-ewlenin jafu jieħdu ħsieb xturhom.

Il-kritiku jaf joqgħod lura fejn irid. Ma jmiddx xibru ma'min ma jaqbillux. Il-kritika, diretta jew indiretta, mhux lakemm tieħu sura u tinżel bl-iswed fl-abjad. It-twiddiba: iddardarx l-għajn li tixrob minnha, taf issarraf bastjun fil-ħajja ta' kull jum. Tibda toqrob tifhem għala s-skiet isaltan, par għajnejn miftuħin ma jarawx u par widnejn ma jisimgħu xejn! U mela ma għandux fejn u fiex jaħdem u jimraħ il-kittieb bħala edukatur – moralista soċjali u ħabib tas-sewwa jekk irid! Mhux l-imsejken biss jistħoqqlu min jgħarblu u jdendillu dnubietu għall-wiri waqt li xiber *"L'Innominato"* ftit jitħajru jgħadduh mill-għarbiel, jekk mhux ukoll issib min jokrom għall-aqwa tifkira ta' ġieħ personali għax għalih u mingħalih xejn anqas minn hekk ma jixraqlu!

Għax x'siwi jaf ikun hemm meta l-kittieb jagħżel li jkun biss osservatur ta' dak li jiġri madwaru mingħajr ma jgħid tiegħu wkoll? Il-kittieb mhux fotografu bla moħħ u bla ruħ bħallikieku mera bla ħajja. Ma hemmx ħtieġa nisħaq li l-fotografu li jaf u jifhem, għandu jaħseb kif jista' jinqeda aħjar bil-għodda f'idejh sabiex l-immaġini tieħu sura li jridha titkellem għal ħsiebu.

Manipulazzjoni? Le. Kull xogħol jitlob il-ħsieb li jmexxi l-id ħalli l-moħħ jasal għal skop speċifiku.

Jekk ma jkunx hekk, tagħżiq fl-ilma. Wistin ta' Ippona ra t-tfajjel li ried jimla l-baħar f'ħofra ta' bebbuxu. Wistin ġarrab il-ħajja, moħħu jagħtih, qanqal il-problematika ta' intenzjoni, metodoloġija, kawża u effett. Il-bniedem moħħu f'postu, jirraġuna u jqis dak li qiegħed jagħmel għax irid jagħmel dak li jagħżel irid jasal għalih.

Min jintilef jippreferi jiddeskrivi l-irfus tal-mejda tal-pranzu u l-ħmiġijiet huma u jinħaslu l-platti wara l-ikla minflok is-sbuħija tal-platti pitturatiu l-pożati jleqqu bil-galbu f'posthom lesti għall-mistednin ħalli jieklu bil-qalb? Għax il-kċina hija l-kċina waqt li l-mejda tal-ikel tinqata' għaliha. Mhux ta' b'xejn fl-imgħoddi l-imġarrab mgħobbi bis-snin kien iwissik: jien kilt mill-kvievet.

Il-kavetta trejjaħ. Il-ħut mejjet jistkenn fiha jeħtieġ togħlija jew qtar il-lumi sabiex inessu li warrbu l-wens ta' baħarhom. Il-kavetta mhux talli ma tqanqallekx l-aptit, talli tmewtu. Mhix bħal dik il-porċellana fina bil-bordura tad-deheb, b'faxex tal-lewn aħmar, roża jew ikħal li tgħallmu l-porċellanisti wara snin twal ta' xogħol partikolari sabiex jagħrfu jippreżentaw platt li fih huwa xieraq jitqiegħed l-ikel imsajjar minn koki tal-affari tagħhom għal mejda ta' min l-ikel jaf jieklu.

Kollu minnu: il-ħajja hi li hi. Bis-sabiħ u l-ikrah. L-imrar tal-ħajja qatt ma jonqos. L-imrar jibni t-tiġrib tal-ħajja. Mhux ta' b'xejn, staqsi l-imġarrab. Jekk mill-għarb tal-Mediterran inħarsu lejn il-ġara, Sqallija, wieħed mgħallem, Leonardo Sciascia, għaraf jibni xogħol letterarju huwa u jiżen it-tiġrib taż-żmien fir-rumanz *"il Giorno della Civetta"*.

Sciascia jibni kliemu u jiggwidak qisu mhux hu. Dik is-sengħa: mingħajr ma jġiegħlek tiekol mill-imluħa u l-morr li jagħżel moħħ u xiber ta' min ma jafx iġib ruħu sewwa u tajjeb u mad-debbus ta' qalbu u ruħu żonqrija tista' issinn l-eħxen xafra.

Rosa, imdawra mill-kapurjuni ta' min jgħix minn fuq dahar il-bżulija ta' ħaddieħor u r-rieda tagħhom iwettquha billi jneħħu l-ħajja ta' min idejjaqhom: għajnejha jibbru b'qilla siekta, ma ħasbithiex darbtejn li twarrab il-platt tal-ikel bnin u quddiem il-ġemgħa kapurjuni mafjużi tlissen bla tlaqliq: Dal-platt mielaħ iżżejjed għalija.

Rosa ħarġet ta' eroj ħaj u sieket aktar minn kull raġel li ħaseb għal rasu f'soċjetà fejn il-mara tradizzjonalment timxi passejn wara r-raġel. Sciascia ħares madwaru, għarbel u wiżen. Iż-żmien għamel tiegħu għax l-imħallfin Giovanni Falcone u Paolo Borsellino ġew wara. Il-mafja qerdithom fl-1992 għax dak li

daħlu għalih, daħlu għalih b'qalbhom u b'moħħhom jaħdem għal dak li jridu jaslu għalih. Kienu serji magħhom infushom u mal-ħajja madwarhom.

Il-mafja ħallietu jgħix lil Leonardo Sciascia. Il-kitba letterarja f'saħħitha għal uħud tfisser bħal sikkina b'xifer ma jaqtax jew serrieq bi snien jomogħdu. Bla ħila. Bla saħħa. Taqraha issa, jekk tasal biex tixtriha minn jeddek, biex tinsieha! Bħallikieku xogħol ta' bla fied! Fil-fatt, xejn minn dan.

Il-kitba wtiqa trid iż-żmien tagħha. Bħal *"Le Mie Prigioni"* ta' Silvio Pellico. Niftakarni naqraha snin twal ilu fis-skiet u għar-rwieħ tas-sajf fil-hena ta' garigor imdellel jagħti għall-bejt. Staqsejt lili nnifsi kif u għala qiegħed neħodha daqshekk bi kbir mal-Imperatur Awstro-Ungariku meta l-awtur huwa l-ħin kollu tabilħaqq meqjus u rżin fi kliemu! Kienet waħda mill-ewwel tagħlimiet li fhimt waħdi li l-kitba meqjusa u rżina taf tolqot bilkif fil-laħam il-ħaj. U li l-idealiżmi politiċi mhux dejjem għandhom gwarniċi indurati bid-deheb għax iż-żmien jagħżel il-porporina mill-folji tad-deheb, jekk u meta l-ideat jistħoqqilhom l-unur ta' ideali.

Iż-żmien jaħji l-mewt. Kemm tfisser li Giuseppe Tomasi di Lampedusa jibda *"Il Gattopardo"* tiegħu bis-sejħa: *"Nunc et in hora mortis nostrae. Amen"*. Mhux *"dum nunc"* u *"ex nunc"* imma, "Issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen". L-awtur isebbaħ is-sejħa tal-mewt billi jdawwar il-ħarsa lejn is-soffitt pitturat b'figuri mitoloġiċi, allat li jaħkmu u jsebbħu d-dinja u jserrħu ras Don Fabrizio, *Principe di Salina,* li l-familja Salina għadha f'tagħha daqs qabel, bħalma seħħilha maż-żmien li għadda u mar.

Kif il-familja Corbera ta' Don Fabrizio waslet għall-vaganzi tas-sajf ġewwa Donnafugata, bdew jiġru ġrajjiet. L-awtur jagħraf joħloq kuntrasti ta' ħajja u mewt il-ħin kollu mal-mixja taż-żmien. Wara li *Il Principe* jitnaddaf mill-għaraq u l-għakar tal-vjaġġ, u jeħles mill-messaġġ amoruż li bintu Concetta taħseb li rat inibbet f'qalb Tancredi, mill-knisja qrib jinstemgħu t-tokki ta' diqa jħabbru l-imwiet!

Jaħseb li xi ħadd miet ġewwa Donnafugata. Xi ħadd magħdur li ma felaħx għas-sajf sqalli li jsarraf f'luttu kbir; għax saħħtu ma tatux li jistenna x-xita. Imbierek li hu, qal lilu nnifsu *Il Principe* waqt li mesaħ ħaddejh muswaf bi fwieħa mmerrqa. Imbierek li hu, issa aktar imissu jaqa' u jqum minn ħsieb jorbot ma' wlied bniet, id-dota u karrieri politiċi. Dal-ħsieb ta' twaħħid ta' mument ma' mejjet ma jafux minn Adam, qeda biżżejjed biex jikkalmah. Sakemm tgħix il-mewt, hemm it-tama, ħaseb. Wara kollox qiesha ħaġa taċ-ċajt li jaqa' f'daqstant ħsieb ta' diqa għax waħda minn uliedu riedet tiżżewweġ. ... Intafa' fuq pultruna u għajnu marret bih.

Iż-żmien u l-mewt parilja. Hekk kif Donnfugata tara t-traġi-kummiedja tal-Plebixxit tal-1860, Giuseppe Tomasi di Lampedusa b'erba' pinzellati jibni kwadru ħaj, ironiku, paradossali u sardoniku.

Tlieta jew erba' nisa prostituti minn qabel iż-żerniq ħarġu fil-pjazza b'xuxithom imżejjen b'faxex ta' tliet ilwien ( l-aħdar, l-aħmar, l-abjad ) ħalli jipprotestaw li n-nisa ma tawhomx vot; u l-imsejknin sa sabu l-liberali l-aktar akkaniti jgħadduhom biż-żmien u kellhom iwarrbu min-nofs u jinħbew. B'danakollu, wara erbat ijiem ġurnal f'Palermo ħabbar li ġewwa Donnafugata rappreżentanti minn tagħna *"del bel sesso"* xtaqu jfissru fil-beraħ *"la propria fede inconcussa nei nuovi fulgidi destini della Patria amatissima"* u li mxew fil-pjazza fost il-pjaċir *"di quella patriottica popolazione."* Ma jiġikx qalb tmiss kliem l-oriġinal.

Iż-żewġ uċuħ u l-gideb taż-żmien mewwiet jiżdiedu u jikriehu bit-tbagħbis li sar minn don Calogero Sedàra bħala Sindku li ħa ħsieb il-għadd tal-voti għall-Plebixxit, u mal-kummiedja miskina waqt it-tħabbira tar-riżultat, l-awtur joħroġ kapulavur fi ftit kliem diretti huwa u jdawwar ħarstu lejn il-kotra u bint is-Sindku: *"Dal fondo oscuro della piazza salirono applausi ed evviva; dal balconcino di casa sua Angelica, insieme alla cameriera funerea, batteva le belle mani rapaci ..."*

Cervantes jitqammar meta jkun jaf li wara l-ħarġa għall-kaċċa u t-taħdit li għadda bejn Don Fabrizio u don Cicco Tumeo ( il-għażla bejn 'Don' u 'don' torbot mal-għażla tal-klassi soċjali li tifridhom), taħdita li fiha ż-żmien jixhed it-tifsira tal-ħajja parilja 'ħajja u mewt', l-awtur ta' *Il Gattopardo* jikteb li t-tnejn li huma, waqt li jħallu l-barr ta'monte Marco qajla tista' tagħżel min minnhom kien Don Quixote u min Sancio. Dak li għadda bejniethom kien kliem li ż-żmien jaħbi fih 'ħajja u mewt'. Għal don Fabrizio ż-żmien stennieh iwiegħed ħajja għan-neputi Tancredi Falconeri li spiċċa ta' fuqu senduqu: il-ġidd nobbli, il-but bla sold. Don Tancredi ma kienx ta' sebgħu f'ħalqu. Angelica nfisha bi sbuħitha u bid-dota ta' missierha tfisser għalih senduq mimli*, corbeille de mariage* jew *cassettone* mill-aqwa.

*"La verità, Eccellenza, don Calogero Sedàra è molto ricco, e molto influente anche ..."* Iż-żmien li n-nannu Peppe Giunta (daqstant iebes ma' kulħadd u jżomm ruħu maħmuġ li laqqmuh *"Peppe 'Mmerda': scusate la parola, Eccellenza;"*) għadda, għax tnax-il *"lupare"* fis-sinsla ta' dahru ħallewh minxur mal-art. Bintu, donna Bastiana, kienet ħarbet minn darha sentejn qabel u żżewġet lil don Calogero. Dan kien iħalliha toħroġ biss għall-quddiesa tal-awrora. Don Ciccio Tumeo darba qagħad għassa wara l-konfessinarju u: *"Parola d'onore, Eccellenza, essa è bella come il sole!"*

Angelica ħarġet tixbahha. Don Fabrizio fehem il-partita; għal don Ciccio Tumeo ż-żmien qiegħed ifisser: *"È la fine dei Falconeri, e anche dei Salina!"* Madanakollu, iż-żmien jaf ifisser il-ħajja daqskemm il-mewt.

Iż-żmien ma jwaqqfu ħadd. Il-*missus dominicus* tal-gvern ġdid Pjemontiż, jew ukoll 'invażur', cavaliere Aimone Chevalley di Monterzuolo terraq sa Donnafugata ħalli jistieden lil Don Fabrizio jagħmel sehem mis-Senat f'Turin: *"la Camera Alta del Regno!"* Don Fabrizio wieġeb li ma satax jilqa' l-istedina. Ħareġ ta' raġel miegħu nnifsu.

Wieġeb; *"Per di più ... sono privo d'illusioni; e che cosa ne farebbe il Senato di me, di un legislatore inesperto cui manca la facoltà d'ingannare se stesso, questo requisito essenziale per chi voglia guidare gli altri?"* Ma nsibx il-ħila nżid aktar milli kiteb Lampedusa. Ftit u jolqot fil-laħam il-ħaj. Huwa ż-żmien li jaf jagħżel il-qamħ mill-karfa meta, xi daqqiet, juri wiċċ b'ieħor.

Lampedusa jaqbad labranzetta maż-żmien u jinżel għall-festa *"alla grande"* fil-palazz Ponteleone f'Palermo fejn Tancredi Falconeri flimkien ma' Don Fabrizio Corbera u niesu bil-jedd kollu jieħdu sehem. Il-mitejn ruħ f'Palermo li kienu jiffurmaw "id-dinja", tawha għall-festi hekk kif it-tranja ta' Garibaldi raqdet. In-nordisti Pjemonteżi sabu wens qalb il-krema tas-soċjetà Palermitana li bdiet tiċċelebra dak li ż-żmien fehemhom: jiġifieri li lilhom ħadd ma għandu xi ħsieb iħarbathom.

Il-ballu għand is-sinjuri Ponteleone jixhed u jfisser l-aqwa wieħed kemm għall-isplendur ta' dik il-familja nobbli u kemm għas-sbuħija tal-palazz innifsu. In-nobbli Salina qiesu l-ballu okkażjoni mill-aħjar ħalli fih jippreżentaw fis-"soċjetà" lil Angelica, is-sbejħa għarusa tan-neputi. Don Fabrizio bħal beda jtiegħem ħsiebu kif sejra tidher dik il-warda ta' Angelica qalb il-mistednin. Tancredi ħa ħsieb li ħatnu don Calogero jkollu 'frack' u par żarbun sura ta'nies, kif ukoll leħja mqaxxra sew.

Kif qorbu fi triqithom ħdejn l-abside tal-knisja San Domenico, il-karozzella waqfet: semgħu t-tinntinn tal-leħen irqiq ta' qanpiena żgħira. Deher qassis iġorr kalċi bis-Santissmu; warajh abbati tfajjel iġorr umbrellun abjad rikamat bid-deheb; fuq quddiem abbati ieħor f'idu x-xellugija xemgħa ħoxna mixgħula u bil-lemin iċenċel kemm jiflaħ qanpiena żgħira tal-fidda. Turija li f'waħda minn dawk id-djar magħluqa qiegħda sseħħ l-agunija ta' xi ħadd: riesaq il-Vjatku qaddis.

Don Fabrizio, *Il Principe*, niżel mill-karozzella, qagħad għal għarkupptejh fuq il-bankina; is-sinjuri nisa bilqiegħda f'posthom raddew is-salib; iċ-ċenċil intilef fl-isqaqien jagħtu għal San Giacomo. Il-vettura, bin-nies fiha moħħhom imtaqqal minn twissija taf taqdi ta' daqqa siekta, ċaqalqet mill-ġdid lejn il-palazz qrib.

Il-ballu fil-palazz Ponteleone mill-aqwa; ikel u xorb mill-ifjen u ma jaqtax, titma' belt jekk trid; ħlewwiet ta' kull togħma u gost. Mis-soffitti l-allat pitturati jħarsu ferħana 'l isfel bħallikieku s-sema ħajja tas-sajf. Tistħajjilhom sejrin jibqgħu jgħixu għal dejjem.

Sedàra tgħaxxaq bid-dehra. "Sabiħ, prinċep, sabiħ!" qal lil Don Fabrizio hekk kif intasab ħdejh. Aktar milli għall-arti, don Sedàra ħaseb biex jgħabbi moħħu fuq kemm it-tiżjin artistiku madwaru jaf isarraf f'zekkini tad-deheb.

Don Fabrizio għaddew bosta ħsibijiet minn moħħu huwa u jdawwar ħarstu madwaru. Qabbel l-illużjoni tal-ferħ u tat-tgawdija ma' dak kollu li ż-żmien jaf jerfa' għalih bħala ġrajjiet ta' niket u hemm.

Tancredi u Angelica ntilfu fis-seħer tal-ballu. Ħin minnu fittxew u sabu lil Don Fabrizio waħdu, fil-librerija ta' Ponteleone jħares lejn kopja tajba tal-pittura 'Il-Mewt tal-Bniedem Ġust' ta' Greuze. Kif Tancredi u Angelica daħlu f'dak is-skiet, Tancredi faħħar lil Don Fabrizio u fl-aħħar ried jaf kienx qiegħed jitħabbeb mal-mewt.

Sa fl-aħħar u bil-qalb it-tajba Don Fabrizio ħareġ jiżfen ma' Angelica. Il-mistednin għamlulhom il-wisa'. Għaraf jagħti wirja li ġibed għajnejn kulħadd fuqhom. Il poeżija tal-valzer seddqet il-ħajja. Sedàra, is-sindku, kien mitluf jitkellem ma' mistieden fuq il-benna ta' żrieragħ li jafu jagħtu wiċċ tajjeb u jroddu l-flus.

Il-festa spiċċat. Iż-żmien għadda. Don Fabrizio għażel li jmur lura d-dar bil-pass il-pass igawdi s-skiet ta' qabel iż-żerniq. Id-dehra tal-kwiekeb stejqnitu. Minn dejjem ħabbhom. Id-dehra tal-pjaneta Venere tiddi n-naħa tax-xerq fis-smewwiet, saħħitu.... sa ma wasal il-jum ta' tmiemu .... kien huwa *il principe di Salina* u bħala *un principe di Salina* ħtieġlu jagħlaq għajnejh, b'qassis ħdejh. Concetta, bintu l-kbira, ħasbet għal dak li xieraq isir meta għażlet issejjaħ il-vjatku.

Is-snin għaddew. Concetta ma' aħwatha Carolina u Caterina kellhom il-privileġġ ta' kappella privata fid-dar-palazz ta' missierhom. Kull waħda mill-aħwa bil-konfessur tagħha. It-tlieta baqgħu jieħdu ħsieb il-kappella f'darhom. Magħrufa ma' Palermo kollu.

Ir-rebbiegħa tal-1910, sentejn wara t-terremot kbir ta' Messina, il-kardinal-arċisqof ta' Palermo ried jobdi d-dispożizzjoni pontifiċja fuq l-oratorji privati. Wara żjara tal-vigarju ġenerali, ta titwila huwa nnifsu ħalli jara b'għajnejh.

It-titular fil-kappella kellu xbiha sabiħa ta'xbejba b'ħarsitha lejn is-sema, xuxitha tilgħab fuq spallejha mikxufin, idha l-leminija taħkem kitba miftuħa u fl-isfond paesaġġ fantasjuż fl-Italja ta' fuq. Għal Caterina, li kienet ipparalizzata

minn saqajha, fissret Il-Madonna tal-Ittra! *"Una immagine miracolosa, Monsignore, miracolosissima!"*

B'riħet Carolina, il-kappella mtliet relikwji. Ċerta donna Rosa għamlet żmien tnewwel xi relikwji minn hawn u minn hinn. Concetta fehmet x'ried u għalfejn tqanqal Monsinjur Vigarju. It-titular inbidel. Ir-relikwji għaddew minn għarbiel fin ta' don Pacchiotti, student tal-Iskola Vatikana tal-Paleografija. Biex tagħqad kien Pjemontiż. Mat-tmiem tal-eżami li għamel talanqas laqa' li jixrob tazza kafè u jiekol babà ma' Concetta li baqgħet kalma kalma. Carolina mgħaddba għall-aħħar lissnet li l-Papa ma jistħoqqlux ikun Papa. Caterina ntilfet minn sensiha u ħteġilhom iġibu l-eteru sulforiku ħalli tistejqer. Iż-żmien għamel tiegħu kemm mal-ħajjin u kemm mat-tifkiriet taż-żmien.

F'Malta forogħ sew il-baħar fl-1908, u meta raġa' lura lejn ix-xatt tala' fuq wiċċ l-art. Tobba Maltin u biċċiet tal-baħar Ingliżi telqu jagħtu l-għajnuna. Is-seklu għal Malta beda bit-tajjeb bit-tama ta' xogħol jqallgħek il-flus bil-bini tal-'breakwater' għall-Port il-Kbir. Malli x-xogħol batta, il-Gvern Britanniku ħaseb jibgħat kummissjoni rjali sabiex tifhem għala u għaliex inqala' tgemgim u nibtet tqanqila politika li qisha ma setgħetx issib serħan jew tnin fl-aqwa bażi navali tal-Imperu fil-Mediterran u mgħammra b'tarzna tiġbed il-għira ta' potenzi ewropew oħra.

Malta u Sqallija ġirien. Il-gazzetta IN-NAĦLA kitbet, nafret u wissiet li bosta Sqallin kienu qatgħuha jfittxu jaqilgħu ħobżhom f'Malta għall-kenn tal-Kuruna Ingliża. U baned Maltin kienu jaqsmu sa Sqallija u jagħtu kunċerti. Is-sejħa politika *Religio et Patria* fi Sqallija sabet diwi mill-aqwa f'Malta ta' dak iż-żmien.

Bħalma l-kanzunetta Naplitana flimkien mal-arti mużikali u pittorika partenopea u l-bejjiegħa tal-kotba f'Napli kienu jfornu kotba ta' xogħol letterarju u għall-palk ... sabiex, imbagħad, dan jew dak il-Malti kien jew isawwar fil-Malti jew jibni fuqhom ħalli l-għatx għas-serati ta'dilettanti tal-palk, b'xi mod jittaffa.

Dil-mixtla mħawra ta'kultura welldet kemm lil "Pia di Tolomei" u kemm xogħlijiet oriġinali u sew 'pochades' ta' opri liriċi magħrufa bħal "Lieni ta' Ħal Għargħur" kif ukoll ġeneru ieħor bħal "Żeża tal-Flagship" jew "Captain Reece tal-Mantlepiece" li mliet it-Teatru Manoel b'uffiċjali navali Ingliżi lebsin uniformi gala meta Mikiel Anġ ( Kikku) Borġ kien il-ħajja u l-pern tal-kumpanija Indipendenza u li Malta kollha kienet tixxiegħel bis-sħiħ għalihom fi żmienhom.

Dan kollu xxettel parilja kemm ma' żjajjar ta' kumpaniji teatrali Taljani jippreżentaw it-teatru tagħhom u kemm u kif fi bliet madwar il-Belt u fi rħula lilhinn minnha l-palk popolari Malti kien fl-aqwa tiegħu, waqt li l-opra lirika fl-Irjal bil-kwistjonijiet bejn l-impressarji u l-klikek ta' ammiraturi ta' kantanti liriċi bl-istejjer tagħhom tgħajjex, tlewwen u taħji l-ħajja ta' min iridha jew bħala tat-tajjeb jew bħala li huwa xi wieħed magħruf u ta' min iqisu fil-Belt u fit-Tliet Bliet.

Jekk iż-żmien iwelled, iż-żmien imewwet. Dan mhux dejjem u f'kollox. Qassis miġbur fih innifsu, maqtugħ mit-tlellix u l-għagħa tad-dinja sab ruħu l-Ħamrun. Ta daqqa ta' għajn madwaru. Fehem li l-kotra tgħid li temmen fid-din nisrani u tgħixu u toqtol għalih: iżda fis-sew bogħod milli tifhem aħjar u sewwa dak li tistqarr. Ħaseb kif lajċi mgħallma u tal-ġabra jistgħu jkunu kemm ta'eżempju tajjeb għall-insara l-oħra u kemm bħala għajn ħajja ta'tagħlim reliġjuż. Dun Ġorġ Preca ħadem sfiq, bla heda u bis-sħiħ għal dal-ħsieb. Iż-żmien raddlu għemilu għax dak li ħolom u stinka għalih, ixxettel u kiber u ta l-frott.

Il-kelma tiegħu rżina iżda ħajja u tinftiehem malajr, tolqot fil-laħam il-ħaj, il-ħin kollu ttambar fuq ħsieb ewlieni: iż-żmien. Għalfejn il-bniedem jgħix? Għaliex it-tajjeb u l-ħażin? U malli l-ħajja tintemm, x'jiġri? Triqat jew wesgħat mimlija nies siekta u miġbura, jisimgħuh, għal sensiela ta'prietki msejħa 'sajda'.

Għalih il-ħajja tfisser mixja serja maż-żmien. B'leħen xi ftit miksur iżda żonqri, iwissi kelma kelma lill-kotra: "Ħuti, ma' Alla ma jiċċajta ħadd". Biex ifakkar lilu nnifsu u lil min jagħti widen ta' kliemu, kiteb it-talba ta' kuljum '*Quotidie*'. Hija stqarrija ta' tifħir lil Alla bħala Ħallieq tas-sema u tal-art; flimkien ma' għadd ta' xewqat sabiex Alla l-Missier iħenn għall-bniedem; u fl-aħħar x'jitlob in-nisrani ta' rieda tajba u li jrid b'imġibtu, b'għemilu u bi twemminu jagħraf tabilħaqq jgħix ħajtu bħala wild Alla l-Imbierek.

Ma kienx il-waħdieni li kemm fil-Ħamrun u kemm barra minnu ġabar il-folol jisimgħuh matul iż-żmien li għadda. Il-Pjazza, il-Ħamrun, kienet bħal kalamita fejn il-politiku jwassal xturu lill-kotra. Minn qrib u minn bgħid in-nies jimlew il-wesgħa sa taħt is-siġar twal u mimlija li kull filgħaxija jwennsu għexieren fuq għexieren ta'għasafar. Illum dan kollu tbiddel; għax iż-żmien sab min nefaq il-flus ħalli jtajjar mill-ġnubijiet tal-pjazza s-siġar kbar kollha, jagħmilha "isbaħ" u jħalli kjosk f'rokna u jgħammru bi mwejjed u siġġijiet għax qies li n-nies bħallikieku teħtieġ titrejjaq lejl u nhar!

Iż-żmien jiftakar fil-politiku avukat Dottor Giuseppe Maria Camilleri, il-Qormi, huwa u jqajjem il-folla b'leħnu jġib u jwassal hekk kif imissu jitkellem. Fih persuna. Magħruf għall-klijentela tiegħu bħala avukat. Kelma jaf iqegħedha.

Ma tiddejjaqx tisimgħu. Jibda billi jtenni żewġ għajtiet: "Nazzjonalisti!" U l-partitarji l-aktar dawk akkaniti jwieġbu għalenija b'leħen għoli: "Hawn!" Baqa' biss id-diwi ta' dak il-leħen u ta' min baqa' ħaj jiftakar ġrajjiet Malta u niesha.

Pjazza li rat il-Perit Dom Mintoff liebes xeħta sportiva u tfakkrek fl-uniformi tas-sajf ta' uffiċjal tal-Flotta Ingliża: wiċċu b'ħarsa fuq tagħha, bil-pipa f'idu qrib, qmis nadifa bajda silġ nofs komma u mgħoddija pulit, 'shorts' abjad abjad jinżel sa fuq irkopptu b'tinja pulita tal-ħadida tal-mogħdija, u par kalzetti bojod qotna bix-xaqliba pulita fuq il-pexxun, b'par żarbun jaqbel, b'mejda żgħira quddiemu fuq dahar it-trakk wieqaf ħdejn fejn illum hemm il-kjosk bil-magna tat-trakk tħares lejn fejn hemm il-kjosk illum. Kien żmien l-inkwiet tal-*"Break with Britain Resolution"*. Drabi oħra, mal-mixja taż-żmien, bidel postu. Ilbiesu wkoll inbidel maż-żmien, u beda jagħżel jintasab bħal kif l-oħrajn jagħżlu: il-magna tat-trakk tħares lejn il-Għassa tal-Pulizija u l-ġenb tat-trakk iħares lejn Fra Diego wieqaf f'nofs il-Pjazza. Hekk kien jaqbel għal kulħadd, magħduda l-Pulizija.

Kif u kemm il-Perit Dom Mintoff kien iżomm nies jisimgħuh, ma hemmx ħtieġa nfakkar u nisħaq. Il-Pjazza mimlija qisha xehda naħal. Nies ħerqana tisma' u ta' qablu jaqdfu aktar ħalli jħejjulu t-triq. Kellu xeħta liema bħalha biex dak li huwa komplikat, ifissru lil min il-kliem tqil iħallih bla nifs. Kelma li tiftiehem malajr mill-kotra tibqa' tgħix fil-moħħ għal żmien.

Meta tgħid 'Il-Perit' tkun qiegħed tgħid għall-Perit Dom Mintoff u ħadd aktar. Politiku minn qaddisu. Għaraf jindiehes fl-ingranaġġi tal-Partit Laburista bil-ħila tiegħu. Moħħu jagħtih, matul il-Gwerra għax fil-belt universitarja ta' Oxford bħala *Rhodes Scholar*. Minn kliemu u għemilu tintebaħ li ħsiebu jieħdu fi triq li huwa jqisha bħala li twieżen qabel kulħadd lil min huwa jqisu bħala 'il-fqir u l-batut'. Għal żmienu, kliemu jinħass jaqta' fil-laħam il-ħaj, aktar u aktar li bħal tintebaħ li ħadd u xejn ma jwaqqfuh fi triqtu. Il-kotra li tiġma' tisimgħu mhux talli ma tmerihx talli ssaħħu fi triqtu. Għandu kisra f'leħnu, pawsa jew enfasi kolorita karatteristika tiegħu daqstant li nqala' min immudella ruħu fuqu kif jitkellem quddiem ħaddieħor. Iżda l-imgħallem baqa' biss hu waħdu u l-kopji ntesew. Jagħtik x'tifhem li mhux ta' min jiqaflu. Iridha ta' kuċċier jew tmunier fil-ħajja politika Maltija bħala 'leader' ta' partit. Irnexxielu tabilħaqq sa ma għażel jerħi r-riegni minn idejh. Persuntu mhix ta' xi wieħed li tagħżlu minn ħaddieħor iżda l-kapaċitajiet mitwielda fih bnewh u għażluh u żammewh bħala politiku ta' kolp li ma jħallix lil Malta kif sabha. Flimkien mal-E.T. Monsinjur Arċisqof Mikiel Gonzi, l-Ordinarju tad-Djoċesi, u man-Nutar Dottor Giorgio Borg Olivier, bena t-trijumvirat ewlieni li fi żmienhom Malta kienet tqum u torqod b'aħbarhom.

Daqstant ieħor kapumastru bil-kbir tal-kelma kien Reggie Miller, is-segretarju ġenerali kapaċissimu tal-*General Workers Union*. Raġel b'xeħta ta' mexxej minn qaddisu, Malta tgħallmet minnu u l-kapaċitajiet tiegħu li trawmu fil-mixtla tat-tqanqila trejdunjonistika fi ħdan it-Tarzna tal-Ammiral Ingliż li twieldet, trabbiet u kibret fi ħdan it-Tlett Bliet. Galbat fi kliemu, għaqli fir-raġunar, prudenti iżda jaf ma jerħihiex ħelwa għal melħa. Ma jiħux pjaċir tfixklu. In-nies jafdawh iżda xi daqqiet isib ruħu bejn in-nar u l-ilma għax il-problemi tal-ħajja Maltija huma li huma u xi daqqiet ma tistax taqtagħhom b'sikkina għax kull fejn tolqot joħroġ id-demm. Kemm u kif maż-żmien, fil-Pjazza ġewwa l-Ħamrun, għamel ħiltu jfiehem lill-kotra t-twegħir tal-ħajja Maltija! U l-Pjazza xehdet mal-mixja tas-snin l-Istorja ta'żmienu. Malta ma għarfitx tkun qalbha f'idha mat-tifkira tiegħu.

In-Nutar Dottor Giorgio Borg Olivier erħilu jagħlaq bl-aħħar diskors il-'*meetings*' tiegħu b'leħen karatteristika tiegħu, bħallikieku xejn ma jfixklu f'li bi ħsiebu jgħid. Il-folla jridha għax twennsu. Kliemu aktar jixhed kalma ta'preżentazzjoni ta'argument politiku minn leħen kolorit tas-saħna politika. L-enfasi fi kliemu studjat mentalment joħroġ f'doża li ma tħarbatx żejjed it-ton ġeneralment pakat. Fi ftit kliem, qiegħed ikellmek battaljier, imma battaljier ta'xeħta ġentlom.

Dottor Borg Olivier, sajf u xitwa, rebbiegħa jew ħarifa, dejjem liebes libsa fis-skur tixraq lil wieħed professjonist 'sinjur', meta l-kelma 'sinjur' kienet tfisser xi ħadd jixraqlu rispett u mhux konvenzjoni li biha turi tafx iġġib ruħek sewwa man-nies. Aktarx ta' korporatura rqajjaq, la twil anqas qasir, wiċċ b'fattezzi ftit angolati, xagħru mimli u dejjem mimxut pulitissimu, kien il-figura eżemplari tal-Malti urban jippreżenta dehra eleganti kull fejn ikun.

Iż-żmien jaħbi ġrajja. Qabel il-gwerra 1939 – 45 l-isem Giuseppe Cassar kien ifisser Cassar 'tar-ritratti', il-Ħamrun, magħruf ma' Malta kollha. Jagħlaq nhar ta' Ġimgħa u miftuħ fil-bqija tal-jiem tal-ġimgħa. Kellu d-dar b'vetrina kbira ħdejn il-bieb ta' barra u dan mgħammar b'ħarġa taraġ u li minnhom tasal fil-ħanut mogħni b'affarijiet ta' fotografija.

Id-dar mal-istess riħ tal-knisja parrokkjali, għażluha bil-għaqal għax il-vetrina mdella tista' tgħid is-sena kollha. Tagħmel sehem minn ħarġa bini tgħidlu antik u ħdejn wieħed tal-merċa b'bieb kbir ta' remissa u bi twejqa fit-tieni sular: bini aktar qisu torri. Kulħadd jafu bħala l-Għawdxi. Malli tasal qribu, tkun wasalt fuq għaqba tat-triq u kantuniera ma' Triq Santa Marija.

Fi żmien it-tranja tat-tqanqila tas-Sette Giugno, għadd ġmielu ta' rġiel u nisa, bosta minnhom telgħu mir-riħ ta' Ħal Qormi u wħud bil-banjijiet taż-

żingu vojta f'idejhom, intasbu quddiem ir-remissa magħluqa. Il-Għawdxi xiref mit-twejqa bi xkubetta f'idu huwa u jgħajjat: Jien ma għamiltilkom xejn! Il-Għawdxi ma kienx ta' min joqgħod jinbxu u ma ħasibhiex darbtejn joħroġ b'arma tan-nar f'idu ħalli jħares ħwejġu. Ma kienx sejjer jiġri bħalma ġara ftit qabel meta waddbu pjanu għal isfel minn dar li daħlu fiha u li tiġi wkoll fi Strada Rjali qabel ma taqbad it-telgħa lejn Santa Venera. Il-pjanu niżel fl-isqaq jmiss mad-dar! Kien jixtered id-demm u ma tafx kif tispiċċa l-istorja kieku ħin bla waqt ma nstamax ħoss mhux tas-soltu ġej min-naħa ta' isfel ta' Strada Rjali, qrib il-Pjazza.

Fuq quddiem trakk tal-militar minn dawk goffi u bit-tajers fihom erba' swaba' ħxuna gomma u bil-magna tagħmel ħoss jixirqilha jsibuha karozza tan-nar. Warajha stakkament morini Ingliżi. Il-beritta miżmuma soda b'ċinga taħt ix-xedaq; lebsin ġakketta bbuttunata ma' qalziet b'qatgħa pulita, drapp jiflaħ il-kedd u l-ħasil, ta' lewn kaħlani skur; tarf il-qalza tat-tromba tal-qalziet imdeffsa ġol-kalzetta tas-sieq u isfel kollox imħares minn armatura ta' ġilda apposta miżmuma f'postha minn xi tliet bokkli. Lebsin par żarbun iswed tuta, kollox ġilda, ġilda ferma, wiċċ, qiegħ u takkuna: tarġa', it-takkuna ħoxna b'nagħal tal-ħadid taħt l-għarqub, il-pett quddiem imsaħħaħ b'qaws ħadid. Tista' taħseb, telgħin *at the double*, b'pass meqjus mgħaġġel u ritmiku, iż-żraben iċaqċqu mal-art, u f'idejhom il-leminija jħaddnu magħhom azzarin bil-bajjunetta ppuntata 'l fuq, ma kienx fihom dehra ta' min jiċċajta magħhom.

Il-kelma ġriet u waslet qabilhom. Min ħaseb sejjer iġorr bil-ħjiena ħwejjeġ ħaddieħor u jisraqhomlu, dabbar rasu bilġri u bewweġ 'l hinn, bil-banjijiet vojta b'kollox. Baqa' b'xiber imnieħer. Il-morini ma kellhomx għaliex jagħmlu wirja oħra. Kulħadd inqafel u qagħad bi kwietu f'daru. Il-pulizija reġgħet ħadet l-almu f'idejha.

Giuseppe Cassar ix-xiħ kellu żewġ subien moħħhom jagħtihom. Inqabdu l-Italja huma u jistudjaw fl-università hekk kif l-Italja daħlet fil-Gwerra. Internawhom. Mat-tmiem tal-Gwerra, wieħed minnhom, Ġużeppi, taha għall-fotografija bħal missieru. Hareġ kapaċissimu. Jekk jintebaħ li l-fotografija tiġbdek, jgħinek. Huwa u jien bqajna ħbieb sa ma għalaq għajnejh.

Barra l-fotografija kellu id u għajn artistika mill-aħjar. Maż-żmien sar akkwarellist tajjeb u mfaħħar. Huwa u ħutu l-bniet trawmu fl-arti ta' kif tikkulura r-ritratti fi żmien meta l-film bil-kulur kien għadu fil-fisqija tiegħu u anqas kien moda bħal-lum. Il-kotra ma kellhiex f'idejha bosta magni tar-ritratti. Il-mistura tal-fotografija kien jifhem fiha sew u wkoll idu taqilgħu għal dik li hi l-mekkanika tal-kamera.

Ġieli kien joħroġ u jiġbed ritratt jew tnejn ta' x'inhu jsir il-Pjazza, jekk tkun xi ħaġa jistħoqqilha jżurha. Għadni nġibu quddiem għajnejja bil-Plaubel ma' spalltu ( kamera ta' ditta Ġermaniża maħduma għall-professjonist li jkun irid dik it-tip ta'magna f'idejh: ma kinitx kamera li ssibha bilġri fil-ħwienet), iqejjes id-dawl ħalli jara x'poża jagħti u jsib l-aħjar angolu għar-ritratt iswed u abjad: u bih kien jaf jibni kapulavur. U darba fost l-oħrajn, ħareġ fil-vetrina ritratt ta' wiċċ Dottor Borg Olivier il-ġmiel tiegħu. Kien fih ritratt kapulavur. U r-ritratt ġab tranja maż-żmien. Ir-ritratt sata' ħadu Karsh, għax daqsu Ġużeppi Cassar jaf jisraq poża tajba u jagħti tonalità perfetta. Ir-ritratt għoġob lil kulħadd. Bdew jużawh hawn u hinn.

Ġara li xi ħadd għattielu ismu lil Ġużeppi Cassar minn fuq ir-ritratt! Ġużeppi Cassar ma tkellimx iżda l-weġgħa baqgħet. Meta rtira, għalaq l-istabbiliment u l-ħġieġ tar-ritratti kollha qabad u qeridhom! Ħassha li bħallikieku Malta ma riditx tagħrfu bħala awtur ta' opra artistika fis-sura ta'ritratt ta' Prim Ministru Malti. Kliemu fhimtu meta tkellimna wara li ħalla l-Ħamrun u mar joqgħod fi Triq l-Aruka, Ħ'Attard. Xorta baqa' jidħol il-Belt u jiltaqa' ma' ħbieb. Il-kliem jaqa' fuq il-fotografija. Daqqa b'magna daqqa b'oħra, id-duda ħalli jieħu ritratti u jqabbel kamera ma' oħra, ma metitx.

Il-ħajja fil-Pjazza tixhed uċuħ u ġrajjiet oħra. Is-Sinjorina Mabel Strickland titkellem bl-Ingliż. Ħdejn l-oħrajn ftit li xejn tiġbor nies. Fuq tagħha kieku, imma ... fis-sew, in-nies ma tridhiex ukoll jekk inkwiet ma jinqalax. L-unika persuna politika li trassas it-trakk minn tulu mal-ħajt sa fuq il-bankina qrib il-bieb ewlieni tal-Għassa tal-Pulizija. Qatt ma smajt lil min ifixkilha meta resqet lejn il-Pjazza. L-istil tagħha aktar ixaqleb lejn *corner meeting* stil Ingliż li f'dawk is-snin kien aktarx moda.

Bint il-mibki Lord Gerald Strickland, Conte della Catena, (kif qabel l-1939 kienu spiss ifakkruh in-Nazzjonalisti), u *Servant of the Crown* (kif xtaq jibqgħu jiftakruh), Miss Mabel Strickland kellha ż-żmien tal-glorji tagħha fil-ħajja politika Maltija. Iddominat ġewwa u b'riħet Strickland House, il-Belt, fejn permezz tal-istamperija ta' missierha, kemm sa minn żmien qabel il-Gwerra u kemm sa ma għalqet għajnejha. Aktar minn hekk.

Mara ppersunata, fiha dehra monumentali, ta' ġewwa ma' politiċi Ingliżi tal-għażla tagħha, sabet min iqisha bħala "*The Boadicea of Malta*".

Il-bint fuq ruħha li ħaddnet il-kredu Stricklandjan (ukoll jekk maż-żmien dal-kredu ġieli għaraf jaddatta ruħu mat-tiswir tal-politika Maltija) ħalliet wirt ħaj fis-sura ta' għodda ġurnalistika u programm ġurnalistiku li jikkuntrasta bis-sħiħ ma' min sata' għaddielu minn rasu li gazzetta mhix ħlief gazzetta,

taqraha u twarrabha. Mabel Strickland għallmet u mexxiet politika bil-għodda ta' stamperija u ġurnaliżmu organiku li jaf ifisser daqs jekk mhux aktar minn riżultat ta' Elezzjoni Ġenerali determinat minn tfigħ ta' voti kull ħames snin. Il-kotra tagħżel gvern kull ħames snin; ġurnal u gazzetta mmexxija bil-għaqal tiggverna kull jum tas-sena.

Iż-żmien jinforna t-tagħlimiet tal-esperjenza tiegħu. Lord Gerald Strickland għamel laqgħat politiċi fil-kontroll ta' spazju magħluq taċ-ċinematografu Odeon, il-Ħamrun, mhux bogħod wisq mill-Pjazza, qabel l-1939. Kien żmien meta partitarji jafu jinfexxu jwaddbu u jgaraw fliexken vojta tal-birra lejn xulxin. Bejt ma' bejt mad-dar tagħna fi Strada Rjali, il-Ħamrun, qrib il-Pjazza, kien hemm arblu ġmielu mistrieħ mar-rokna ta' naħa tal-opramorta tal-bejt għax id-dar ġara kien Każin Nazzjonalista. Inġib quddiem għajnejja bandiera fiha sular bil-'Maduma' tperper kburija u solennement hija u tidher minn ħdejn il-Pjazza sa ħdejn il-kappella Ta' Nuzzu, Strada Rjali ta' fuq. Kien ikun fiha dehra. Nizzi̇ħajr 'l Alla, wara t-tbatijiet tal-gwerra bejn l-1939 – 1945, il-Pjazza ma ratx tfigħ ta' fliexken tal-birra. Id-dar ġara ma reġgħetx taqdi bħala każin politiku għax nibtu atturi politiċi oħra u l-bejgħa tal-ħajja ħadet xejra oħra wkoll.

Ibda mis-Sur George Vigo, padrun ta' stabbiliment magħruf tal-ħwejjeġ fi Strada Reale, il-Belt, 'Kingsway' wara l-aħħar Gwerra, u li xi daqqiet jagħżel jiġi waqt jew wara xi *'meeting'* politiku, u jidħol inkiss inkiss u qajl qajl bil-karozza tiegħu u jwaqqaf ħdejn il-bieb ewlieni tad-dar tax-xjuħ f'idejn il-"Piccole Suore". Quddiem, fuq il-magna jew qrib, kien jippretendi li bħala ċittadin Malti kellu d-dritt sagrosant li jwaħħal u jħalli tperper il-bandiera Maltija. U malli l-Pulizija tintebaħ, ġirja waħda ħalli lil Vigo ma tħallihx jagħmel li jrid, bħallikieku ġie xi gvernatur jew xi ras kbira bil-bandiera Maltija tperper mal-vettura. Kif imut u jitbiddel iż-żmien!

Ix-xenarju fil-Pjazza kien fl-aqwa tiegħu b'ġemgħa ta'nies annuna bi ħsiebhom fix-xahar ta'Ġunju b'riħet il-ħeġġa tal-mibki kappillan tal-Ħamrun, Dun Nerik Cordina Perez. Għax-xahar tal-Qalb ta' Ġesù, jaħseb ħalli kull għaqda, lajka jew reliġjuża, tingħaqad f'korteo solenni li jagħtih il-ħsieb ta' "stqarrija ta' twemmin reliġjuż". Kulħadd jinġabar jew ħdejn jew ġewwa l-knisja parrokkjali u minn hinn iterraq tul Strada Rjali, il-Ħamrun, idur għal Triq Giovanni Barbara, jgħaddi tul Triq San Gejtanu kollha sa ma jinżel Via Curmi għal quddiem il-korp bini Okella Agius u jiżbokka fil-Pjazza. Ġieli l-par żwiemel, jekk mhux ukoll żewġ pari, tal-Pulizija tal-Kavallerija huma u jippinnaw quddiem (għax Dun Nerik kien jaf jaħseb għall-inqaqar kollha)

ikunu qorbu sew taħt id-dell tal-knisja storika Tas-Samra, meta l-purċissjoni sagramentali tkun qorbot biex toħroġ mill-knisja parrokkjali!

U l-Għaqda Mużikali San Ġużepp ('tal-miskina') u l-Għaqda Mużikali San Gejtanu ('tat-tamal') kienu jdoqqu l-innijiet mill-isbaħ tal-poeta Dun Karm Psaila, mużika tal-magħruf Surmast Giuseppe Caruana.

In-nies togħxa żżejjen gallarijiet bil-pavaljuni ħomor, inkwatri mill-isbaħ bi xbihat tal-Qalb ta' Ġesù u festuni b'firxa ta' bozoz ta' dawl elettriku jdendluhom taħt il-gwarniċun maż-żaqq tal-gallarija. Qsari sbieħ iħaddru fil-ġnubijiet tal-bankini. In-nies tiġma' t-triqat hija u tara u tħares. Min jaf, ikanta l-innijiet mad-daqq tal-banda. Fit-triqat in-nies jew tittawwal mill-gallarijiet jew fejn tista' tintafa' sserraħ fuq xi siġġu ħdejn il-bieb ta' barra. Skiet u ġabra fit-triqat

Fil-Pjazza kulħadd isib postu kif maħsub minn qabel u kulħadd wiċċu lejn it-tribuna tal-injam mibnija għal dil-festa u mqiegħda tħares lejn Fra Diego fil-Pjazza u daharha biswit il-bini ta' 'St. Paul's Home', id-dar tal-'Piccole Suore'. It-tribuna kellha bankun daqs sular grass għoli u fuqu firxa żgħira ta' turġien li jagħtu għal altar żgħir mgħotti minn baldakkin ornat bi gwarniċun miżmum minn erba' kolonni, u madwar l-altar spazju fejn joqogħdu ċ-ċelebrant, assistenti u abbatini.

Minn ġurnata qabel Farrugia tar-radjijiet ta' Strada Rjali (Triq il-Kbira San Ġużepp) kienu jieħdu ħsieb dak li llum nafuh bħala *public address system*. Il-ħanut tagħhom kien mal-istess riħ tal-knisja parrokkjali, ftit u wisq biswit Triq Fra Diego magħrufa bħala "it-triq tar-'Rex'", wieħed mill-erba' ċinematografi fil-Ħamrun (Trianon, Odeon, Rex, u wara nibet il-Hollywood: illum kollha għalqu, bi tnejn minnhom twaqqgħu għax sar "żvilupp fil-bini" u l-oħrajn ma għadhomx li kienu ). Mal-istess ħajt tar-'Rex', aktar 'l isfel u kantuniera ma' Triq Villambrosa, hemm il-mezzanin magħruf bħala "in-numru 'sei'", l-ewwel 'dar' li fiha beda l-MUSEUM ta' Dun Ġorġ Preca.

Għal żmienu kellhom apparat mhux tas-soltu, b'żewġ *speakers* fihom żewġ 'kaxxi' mdaqqsa sew li jserrħuhom fuq iċ-ċinta tal-bejt tad-dar tal-"Piccole Suore". Ta' Farrugia jafu sewwa l-affarijiet tagħhom. Kienu jħejju l-apparat tagħhom u li pubblikament jużawh għal dil-benedizzjoni biss. Jieħdu ħsieb jittestjaw il-leħen miżjud bil-mikrofonu flimkien mad-daqq ta'diska b'mużika tixraq. Għadha tidwi f'widnejja l-benna tal-melodija orkestrata ta' "*Panis Angelicus*" hija u timla l-Pjazza u biż-żmien sirt naf li kienet mużika ta' César Franck, kompożitur Franċiż. Ismu qajla jsemmuh fl-ambjent Malti maħkum minn ismijiet Taljani u Ingliżi.

Il-leħen iġib ta' Dun Nerik kien jaf imexxi lil kulħadd, aktar u aktar li l-kelma kienet tiġih soda u f'waqtha. Fervorin qasir, kant ta' innu bla tul żejjed u barka sagramentali, flimkien ma' kelma ta' radd il-ħajr lil min ħa sehem u ta sehmu sabiex kollox ħareġ b'wiċċ il-ġid. U kulħadd kuntent għax iħoss li għamel ħaġa ta' ġid dak il-Ħadd waranofsinhar. Mill-Pjazza lura lejn il-knisja parrokkjali minn fejn, jekk jistgħu joqogħdu skjerati, jistennew iċ-ċelebrant jerġa' jidħol u jqiegħed lura fit-tabernaklu l-ostja li kienet tkun f'ostensorju sabiħ kollu jleqq. Il-baned ikomplu jdoqqu l-innijiet.

Illum tgħix biss it-tifkira taż-żmien li għadda, tar u mar. Ix-xjuħ fid-dar tal-"Piccole Suore" u li kienu jittawlu minn fuq il-bejt għal fuq il-folla matul il-festa għal qalb Dun Nerik u l-Ħamruniżi, ilhom li raqdu r-raqda tas-sliem. Jaħrab iż-żmien! Iż-żminijiet jinbidlu, u aħna ninbidlu magħhom! Il-Pjazza ma jfittixha ħadd illum ħlief min irid jew jgħaddi sal-Għassa tal-Pulizija, jew iserraħ fuq bank, jew jitħajjar jitrejjaq minn dak li joffri l-kjosk, jew jagħti titwila lejn il-monument tal-bronż ta' Fra Diego Bonanno, sieket fil-għomma tas-sajf u l-bard fil-qieraħ tax-xitwa.

Iż-żmien għandu minn bir imsoqqi minn għajn ta' ilma moħbija fil-blat. Jien u nħares lejn l-ilma qiegħed ġewwa l-bir taż-żmien, nara ġrajja ta' min ifakkarha għax baqgħet ħajja mat-tgerbib tas-snin.

Qrib is-sena 1956 tħajjart nistudja l-*accountancy*. Tawni parir infittex il-wens tal-mibki Oscar Serracino Inglott. Sibtu tutur kapaċissimu u minn tagħna. F'kemm trodd salib, sirna ħbieb. Sar jaf min jien u x'ħobż niekol. Darba fost l-oħrajn, tarrafli li ibnu u li kien jistudja l-Università ta' Oxford, kien ħa l-"*Proctor's Prize*". Bir-raġun kollu kellu għax jifraħ u jkun kburi b'li seħħ. Minn jeddu staqsieni nitħajjarx naqra dil-*essay* fil-programm *"Academically Speaking"*, programm ta' siegħa li kien jieħu ħsiebu l-Professur Gaston Tonna-Barthet u li kien jixxandar mill-ħdax sa nofsillejl mir-Rediffusion.

Ix-xandir ma kien xejn ġdid għalija: imma ħassejtni bejn in-nar u l-ilma għal inkarigu bħal dak. Is-Sur Oscar għamilli l-qalb u qalli jħalli kollox f'idejja: madanakollu kull pass li ħadt għidtlu bih. Il-Prof. Gaston Tonna-Barthet kien jafni mil-Liċeo għax kont għażilt il-Franċiż kif ukoll, dak iż-żmien, huwa kien magħruf ma' Malta kollha bħala l-għajn tal-ħajja u t-tmunier tal-*"Malta Cultural Centre"*.

Tkellimna u malajr ftehemna li l-*essay* tinqasam fi tliet ishma għax ma kenitx ħaġa li tieħu programm sħiħ, aktar u aktar li l-programm kien jiġbor tiżwiqa ta' lingwi.

Ħejjejt ruħi sew u qabel ma mort nirrikordja, smajt x'għandu xi jgħid is-Sur Oscar li kien uffiċjal għoli fis-Servizz Ċivili, għal kif ninstama' jiena u naqralu siltiet mill-*essay* li, ħassejtha għadma, aktar u aktar li kienet bl-Ingliż, is-suġġett fih innifsu u li, għalkemm il-programm kien fit-tard, kien hemm min jisma' u jaf iqejjes x'inhu jisma'.

Niżżiħajr 'l Alla kemm is-Sur Oscar u kemm il-Prof. Gaston Tonna-Barthet (li baqa' jiftakar fl-istudenti liċeali li kellu bħalma snin wara tqanqal u ma qagħadx lura jkellimni fuq student li kien ħa l-Latin u taha għall-politika, ħalli jara jekk il-memorja tiegħu hijiex taqdih tajjeb) ħarġu kuntenti. Ħadt ir-ruħ.

Il-posta ġibitli rigal, u li fraħt tgħidx kemm: ktieb b'*essays* ta' xeħta serja miktub minn wieħed 'Oxonian' u li fi żmienhom kienu ta' min iqishom. Jitkellmu fuq twemmin reliġjuż u l-Imwemmnin tal-Ktieb. Qrajthom għal aktar minn darba. Il-ktieb kien għall-bejgħ għand Calignani, Pariġi, għax mal-qoxra minn ġewwa fir-rokna, waħħlu tagħrifa bl-isem u l-indirizz tagħhom bħala bejjiegħa.

Iżda ż-żmien jaf iżewweġ il-ferħ man-niket meta ma tistennihx. Aħbar li qatt ma stennejtha, ħarbtet id-dinja. Illum aktar mill-bieraħ nifhem li daqskemm inħsadt jien, wisq u wisq aktar ħasdet lill-għeżież ta' daru li kienu l-mimmi ta' għajnejh. L-għali jkun imsiefer u jiġi fuqek bla mistenni.

Ma stennejt qatt li ġara fid-9 ta' Novembru 1957. Is-Sur Oscar żaritu qaribna l-mewt. Kien għad kellu 52 sena. Ma stajtx nibqa' biered għal dak li għadda mingħalih. Bħallikieku sarli tort personali. U l-bniedem li kont bil-qalb kollha nisma' huwa u jtarrafli ħjiel ta' inġustizzja goffa li l-ħajja refgħetlu fis-Servizz Ċivili, tebaq fommu ħabta u sabta, meta kien xieraq li l-ġrajja jkollha tmiem ieħor bit-tajjeb inessi l-ħażin. Il-wieħed li ma qagħadx iqisha darbtejn junurani u jdewwaqni t-togħma ta' ferħ ta' ibnu mbiegħed, intemm ħesrem. Ħtieġli niftakar f'daqqa waħda li mhux darba u tnejn, in-nannu Karm, missier ommi u li l-ħajja għaddietu minn għarbiel fin għax tgħabba fuq li tgħabba b'dak li tpaspar imġibet in-nies, kien iwiddibni: il-ħrief marru qabel in-nagħaġ.

Għadni sal-lum hekk kif it-tifkira ta' dak iż-żmien terġa' tfiġġ bil-qawwa u l-kefrija tagħha, nirgħex. Jaħasra ż-żmien ma jagħilbu ħadd. Tiegħu tgħaddi.

Għall-għażiż Oscar Serracino Inglott tixraqlu bil-qawwi t-tislima *"Requiscat in pace. Amen"*. Imġibtu, wild il-għemil tajjeb, tħajrek tersaq lejh bi kliem Wistin ta' Ippona meta d-duttur ħażż: *"non vincit nisi veritas"*. Tabilħaqq, dak li huwa minnu u sewwa jixraqlu jirbaħ u jgħix u min jistqarru. Marbut sewwa ma' dal-ħsieb, Wistin iżid: *"victoria veritatis est caritas"*. Ir-rabta bejn bniedem u ieħor, u l-bniedem mal-Ħallieq hija l-pern tal-*"caritas"*: il-benna tal-imħabba.

Ladarba *"Deus caritas est"*, hawn jgħixu x-xenqa u l-qawwa li jafu jaħju lil kull bniedem matul kull żmien. Don Fabrizio, *Il Principe di Salina,* imkabbar kemm imkabbar bil-ġidd ta'niesu u b'ismu u bih innifsu, talanqas fehem minn jeddu li wara kollox u fuq kollox, ma satax ikun dak li bħala bniedem ma kienx.

U hekk kif il-mewt laħqet lil xi ħadd ġewwa Donnafugata; u żmien wara, huwa u għaddej il-vjatku meta s-sinjuri nobbli Salina kienu sejrin għall-festa ġewwa l-palazz Ponteleone, Don Fabrizio, *"il gattopardo"*, niżel mill-vettura ħalli bil-liwja ta' rkupptejh isellem, jagħti qima u jistqarr twemminu...

Don Fabrizio, bħal kull bniedem ieħor, kellu d-dramm ta' ħajtu x'jibni u xi jsarraf f'imġibtu. Dak li huwa minn awl id-dinja ebda tiġbid ta' ħsieb u kliem ma jbiddel. Iż-żmien għażiż u ma jinxtarax. Don Fabrizio bħal kull ieħor, għamel għażla. Iż-żmien ibierek il-bniedem: itaqqlu wkoll.

Bin-nuqqasijiet kollha li sata' kellu, Don Fabrizio fehem xibru xi jwassal maż-żmien. Jista' jkun li tgħabba bi ħtijiet li ġabar matul iż-żmien, iżda fih kien qiegħed jgħix il-ħsieb ta' *"Domine, non sum dignus ..."* Mulej! Ma jistħoqqlix ...

Hieni l-bniedem li jasal jifhem, imqar xi ftit, kemm u kif iż-żmien jista' jissarraf f'għodda ħajja għal min jaf jibdel f'ġid u f'barka, kemm għalih innifsu u kemm għal ħaddieħor, il-għażla ta' għemilu f'din id-dinja li hija u tfisser bidu ta' ħajja li fiha s-sabiħ tagħha, daqshekk ieħor tibda tixxennaq u tikrem ukoll għal ħajja oħra aqwa u isbaħ minn dik li nafu u ġarrabna sa issa.

*"Spes ultima dea"*. It-tama hija barka ħajja u taf tgħajjex ladarba *"non omnis moriar"* kif stqarr il-poeta pagan Orazju. Min iż-żmien għaraf ibierku b'għemilu u b'imġibtu, jaf fil-ġewwieni ta' ruħu li *"non omnis moriar"*: mhux kollox jintemm. Mhux ta' b'xejn li min għadda mill-għarbiel tal-ħsieb nisrani l-istqarrija *"non omnis moriar"*, għandu jasal biex jifhem li l-ħsieb tal-kliem irodd fl-aħħar mill-aħħar tifsira ewlenija: il-mewt tgħix iżda ma tmewwitx dik il-ħajja li l-bniedem jistenna jew jixxennaq għaliha u li ma tintemmx.

Meta poeta-qassis Malti beda eleġija li sa issa ma nafx kienx hawn f'Malta min għaraf jisboqha, huwa u jiftaħ kliemu bi stqarrija żonqrija li twarrab il-mewt taż-żmien, huwa jwettaq ir-rebħ assolut tal-ħajja fuq id-difna tal-mewt, hekk kif jixhed bi kliemu:

Ħabib, ma nitħassrekx; nitħassar jiena
lil min ta' ħajtu ma jagħrafx is-siwi
...

Nagħti awguri. Jgħix kliem dal-poeta meqjum u li għaraf jifhem u jgħożż il-ħajja, magħdud l-għemil f'waqtu u tajjeb f'ħaddieħor u talanqas id-dell ta' kliemu jagħraf ikennen lil kull min jixtieq jissieħeb ma ħsiebu. Huwa ħsieb jaħji u jferraħ fih innifsu.

Iż-żmien iwelled, jaħji, jagħżel, jgħarbel u jqejjes dak kollu li ż-żmien jagħraf jixhed għal dak kollu li jissarraf f'għemil tajjeb jew ħażin matul it-tiġrib ta' jiemu kollha. Il-ġrajja taż-żmien ma tistax tieqaf hawn. Il-loġika teħtieġ u twassal għal ġrajja oħra aqwa u aħjar li tagħraf issarraf it-tajjeb fil-milja kollha tiegħu fi ġrajja oħra, isbaħ, iprem u ma jonqosha xejn... wisq u wisq bogħod mit-toqol u l-madmad ta' dik il-mewt qerrieda u dejjiema li l-ħażin irodd fih innifsu u għalih innifsu.

Iż-żmien marbut mal-loġika li l-bniedem jaf jagħżel it-tajjeb mill-ħażin, il-ġid mill-ħsara u d-deni, il-ħajja mill-mewt. Fi ġrajja bħal din, il-mewt taf twassal għal tnissil ta' ħajja ġdida .... iż-żmien meħtieġ u fih il-benna, il-barka u l-qdusija tiegħu.